

# Costa Del Sol – Spain
# Torremolinos

## Grupp A: 10 - 17 ta' Mejju
## Grupp B: 28 ta' Ġunju - 05 ta' Lulju

**8 t'ijiem**

**INŻURU: MALAGA, TORREMOLINOS, SEVILLE, GRANADA, MARBELLA, MIJOS, GIBRALTAR, RONDA, NERJA, FRIGILIANA**

**Prezz kull persuna**
(Taxxi, HALF BOARD u eskursjonijiet inklużi)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €845 | €795 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €870 | €820 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1010 | €940 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €700 | €650 |
| Grupp B Suppliment | | €70 |

**Prezz Jinkludi:**
- Titjira Malta-Malaga - Malta mal-Airmalta
- 7 t'iljieli fil-Hotel Cervantes 4 star f' Torremolinos
- Kmamar kollha bil-faċilitajiet privati u arja kondizzjonata
- Buffet Continental Breakfast kuljum
- Ċena kuljum skont il programm
- Eskursjonijiet kollha mħallsa (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi, Service Charge u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency Fund

## IL-ĠIMGĦA
Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fl-17:30 għall-flight KM590 li ttir fis-19:35 u naslu **Malaga** fl-23:20. Transfer bil-kowċ lejn **Torremolinos** mal-wasla tagħna fil-Hotel Cervantes 4 star issir is-sistemazzjoni tal-kmamar.

## IS-SIBT
Buffet Breakfast u dawra maċ-ċentru storiku ta' **Granada** mat-tour leader. Inżuru **Paseo Del Violon, Rio Gemil, Puente De Luz, Pasos De Gigante, Rio Gemil, Paseo Del Salon, Calle Del Darro, Plaza De Bajo, Plaza Del Carmen, La Corral, Alcaiceria, Plaza Rambla, De Las Pasiegas u Isabel** flimkien mall- **kattidral** u **Royal chapel (dħul extra**). Wara nofs in-nhar ħin liberu jew min jixtieq jista jżur il palazz **Alhambra (dhul fil palazz extra).** Ċena u ħarġa ambjentali madwar Torremolinos mal-leader.

## IL-ĦADD
Vjaġġ ieħor interessanti lejn il-belt ta'Pablo Picasso: **MALAGA.** Dawra sabiħa ma'din il-belt muniċipali, moderna u ċentru storiku (ċittadella Alcazaba Gharbija). Nammiraw il-Kattidral (dħul extra). **Plaza de la marina, Paseo Del Parque, Palazz Aduana, Plaza Merced, Plaza de Toros, Teatru Ruman, La Farola** imbgħad inkomplu lejn l-għolja (Camino Gibralfaro) fejn ingawdu l-isbaħ veduti tal- belt. Dħul fil kastell (extra). Ritorn lejn **Torremlinos** imma b`waqfa ħelwa ġewwa **MARBELLA.** Ħin liberu biex nitpaxxew b`din id-destinazzjoni favorita mat-turisti min madwar id-dinja minħabba il- bajja sabiħa mimlija jottijiet fuq il-baħar Mediterran. Lura lejn il-hotel f`**Torremolinos** għaċ-cena u ħarġa mat-tour leader.

## IT-TNEJN
Eskursjoni sabiħa għall-villaġġ ta' **Mijas** Pueblo li jinsab fuq għoljiet weqfin b'veduti Panorammiċi tal-muntanji **Sierra De Mijas**. Wara nofs in-nhar ħin liberu. X' hemm isbaħ minn għawma fil-pool tal-hotel jew f'waħda mill-bajjiet li nsibu hawn. Filgħaxija wara ċena ħarġa mal-leader tul il-kosta sabiħa żviluppata f' **Costa Del Sol.**

## IT-TLIETA
Buffet breakfast u city tour bil-coach mal-belt ta' **Sevilja**. Inżuru: **Basilica De La Macarena, Parlament De Andalucia, Murullas, Rio u puentes Guadalquiver, Costuerero De La Reina, Plaza De America, Maria Luisa park, Plaza Espana, flimkien mal kattidral, Geralda u l-Alcazar (dħul extra**). Ħin liberu, Nirritornaw lura l-hotel, ċena u ħarġa oħra mal-leader.

## L-ERBGĦA
Eskursjoni interessanti lejn it-tarf nett t`isfel ta Spanja. Naslu f-territorju Ingliż u wara kontrol tal- passaporti nidħlu **GIBILTA** magħrufa bħala: Il-blata enormi. Kif naslu jkollna Ir-Rock Tour (extra) fejn ingawdu l-aktar postijiet unici storici tal-blata min angoli differenti fejn l-isbaħ veduti ta Gibilta`ma jonqsux bħal: L-Europa Point (the light-house), **Apes Den, the cave u z-zona Casemates fejn ikollna ħin liberu fil-main street biex napprezzaw il-kattidral, il-kunvent u pjazza Mackintosh**. Ritorn lejn **Torremolinos**. Ċena u ħarġa familjari mal-leader.

## IL-ĦAMIS
Skopri magħna l-belt interessanti ta' **Ronda** li tinsab f'erja muntanjuża madwar 750 metru 'l fuq mill-baħar. **Ix-Xmara Guadalevin** tgħaddi minn nofs il-belt u taqsamha f' żewġ partijiet, naraw **El Tajo Gorge.** Naqsmu l-bridge mill-iżjed impressjonanti **Puento Nuevo**, il-landmark l-aktar famuża ta' Ronda li taqsam l-gorge fond u tgħaqqad l- parti t'art mhux ikkultivata mal-parti moderna tal-belt. **Alameda De Tajo Park, il-kattidral (dħul extra**), il-ħitan l-antiki u bieb fid-daħla tal-belt jagħtuk ħarsa unika tal-passat Iżlamiku. **Il-bullring** hi waħda mill-eqdem u l-iżjed impressjonanti ġewwa Spanja. Wara jkollna ħin għall- ikel (extra) u biex tiskopri din il-belt. Nirritornaw lura torremolinos. Wara ċ-ċena mmorru Flamenco Show (extra) għal serata pjaċevoli.

## IL-ĠIMGĦA
Wara li nieħdu buffet breakfast ikollna ħin liberu sabiex tkomplu tesploraw Torremolinos. Fis-13.00 jkollna l-pranzu (mħallas). Wara nitilqu bil-kowċ lejn **Frigiliana u Nerja** – żewġ villaġġi tipiċi **t'Andalucia.** L-ewwel żjara tagħna tkun ġewwa **Frgiliana** villaġġ mill-isbaħ fejn naraw il-fortizza, nagħmlu dawra madwar it-toroq dojoq imserpin. Ikollna ħin liberu għall-ikel **(extra)** u biex tkomplu tesploraw il-post. Inkomplu l-excursion tagħna lejn **Nerja**. Hawnhekk ser ikollna l-opportunita li nisimgħu dwar l-istorja u l-kultura waqt li ngawdu l-ġurnata nesploraw u nirrilassaw. Mill- **Balcon De Europa** naraw veduti mill-aqwa tal-baħar, inżuru wkoll **Cueva De Nerja** għerien mill-aktar spettakolari (entratura extra)Ikollna ħin induru l-ħwienet lokali qabel nibdew l-vjaġġ lejn l-ajruport għat-titjira mal-KM591 li ttir fil-23:30 u naslu 02:15.


Triq Sant Anna, Il-Furjana
Tel: 2125 0526, 2124 3562